MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum 14 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru: 112/2018LM

**Carmen Vella bin-numru tal-karta tal-identita' 519447(M)**

***vs.***

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Il-Qorti,**

Rat in-nota (*a fol.* 72) ippreżentata mill-appellata Carmen Vella (ID Nru. 519447 (M)) waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020 fejn ċediet l-ilment tagħha li kienet resqet quddiem l-Arbitru Għas-Servizzi Finanzjarji fl-ismijiet premessi, kif ukoll irrinunzjat għall-effetti tad-deċiżjoni li ġiet mogħtija fl-istess każ.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020 fejn l-Avukat Stephania de Gabriele għas-soċjetà appellanta rrimettiet ruħha dwar jekk fiċ-ċirkostanzi hijiex meħtieġa li tingħata sentenza o meno, u fejn ukoll l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li qegħdin jaqblu li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Tqis li la darba l-appellat ċeda l-ilment tiegħu mressaq quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji bin-numru 10/2016 u rrinunzja għall-effetti tad-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fl-istess każ datata 12 ta' Settembru, 2018, u s-soċjetà appellanta irrinunzjat għat-talba għall-ispejjeż, il-Qorti tiddikjara illi l-mertu ta' dan l-appell huwa eżawrit u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-atti ta' dan l-appell.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**